**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19/2025

**Laqgħa Numru 19**

26 ta' Ġunju, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, l-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2025 fl-5.30 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | - Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | - Viċi Sindku |
| Martin Vella | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |
| Glauber Spiteri | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 19 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **19.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **19.01.01** | Nil |
| **19.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 19.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-minuti tas-seduta numru 18/2025 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha.<br><br>Approvazzjoni tal-Minuti:<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-minuti tas-seduta numru 18/2025, u l-viċi sindku Noyah Spiteri Hammet issekondat.<br><br>Emendi pproposti:<br><br>Punt 18.02.01: Il-Kunsillier Martin Vella għamel osservazzjoni li ismu mhux imniżżel.<br><br>Punt 18.05.05: Il-Kunsillier Glauber Spiteri ġibed l-attenzjoni li f'dan il-punt hemm referenza għal "kunsillier" iżda mhux imniżżel ismu. |
| **19.03.** | **Korrispondenza** |
| **19.03.01** | Is-Sindku Marco Agius fetaħ id-diskussjoni billi qara email mibgħuta minn Mr. Daniel Hili, General Manager tal-kumpanija Safety Shoes Malta, li tinsab fi Triq Alessandra, Bormla. Fil-korrispondenza tiegħu, is-Sur Hili talab sabiex tiġi allokata Loading/Unloading Bay quddiem il-ħanut tiegħu fil-jiem bejn It-Tnejn u l-Ġimgħa, bejn 10:00am u 12:00pm u 3:00pm u 6:30pm, u nhar ta' Sibt bejn 9:30am u 2:00pm. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsilliera preżenti ma qablux mal-ġranet u l-ħinijiet proposti minħabba l-problema serja ta' nuqqas ta' parkeġġ f'din it-triq. Madankollu, proponew li tiġi allokata Loading/Unloading Bay nhar ta' Tnejn u Ħamis bejn l-10:00am u 12:00pm biss, bħala kompromess li jindirizza kemm il-ħtieġa tal-kumpanija kif ukoll l-interess tar-residenti. |
| 19.03.02 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li rċevejna komunikazzjoni rigward l-inizjattiva European Week of Sport li ser issir bejn l-1 ta' Settembru u l-15 ta' Ottubru 2025. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tħeġġeġ l-isport u l-attività fiżika fil-komunità u fl-istess ħin toħloq sens ta' għaqda u divertiment b'attivitajiet pożittivi.<br><br>Il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa billi jorganizza attivita' relatata ma' sport jew attività fiżika fiż-żmien indikat. Din tista' tkun kompetizzjoni, festival sportiv, mixja madwar il-lokal, jew kwalunkwe attività li tħajjar lir-residenti jieħdu sehem f'ħajja attiva.<br><br>Għall-aħjar impatt u parteċipazzjoni mill-komunità, l-organizzaturi qed jissuġġerixxu li l-attivitajiet ikunu organizzati bejn id-23 u t-30 ta' Settembru, peress li dan il-perjodu huwa l-qofol tal-ġimgħa Ewropea tal-Isport.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li jiġu kkunsidrati diversi ideat ta' attivitajiet possibbli u li jiġu diskussi aktar fid-dettall fil-laqgħa li jmiss. |
| 19.03.03 | Is-sindku stieden lil kunisllier Glauber Spiteri sabiex jagħti rendikont ta xinhu jiġri sissa rigward il-Cospicua Short Play Festival. Huwa beda billi spjega li il-karigu tas-short play festival huma Joseph Galea, Pierre Bugeja u Audrey Rose Mizzi kompla billi qal li ġew sottomessi 26 scripts u minn |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | dawn ser jintagħżlu l-aqwa scripts mingħajr ma jkun hemm limitu stabbilit fuq in-numru ta' xogħlijiet li se jiġu aċċettati. Il-ġudikanti tal-ewwel fażi kienu Trevor Żahra, Marco Galea, u Martha Vella.<br><br>Barra minn hekk, ġie ffurmat team ta' koordinazzjoni għall-festival li jinkludi:<br>• Is-Sindku Marco Agius<br>• Il-Kunsillier Martin Vella (għal kwistjonijiet relatati ma' road closures)<br>• Il-Kunsillier Glauber Spiteri (għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet)<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv<br>• Żewġ ħaddiema tal-Kunsill<br>• L-Artistic Directors: Joseph Galea, Pierre Bugeja, u Audrey Rose Mizzi<br><br>Il-Kunsillier Spiteri nforma wkoll li qed jiġu ppjanati diversi faċilitajiet u attivitajiet inklużi:<br>• Kids Area<br>• Food Area fejn il-viżitaturi jkunu jistgħu jieklu xi ħaġa bejn play u oħra<br>• Mużika fit-toroq waqt li n-nies ikunu għaddejjin minn play għal oħra<br><br>Ġie nnotat ukoll li hemm kollaborazzjonijiet pendenti ma' Integrarti, opening doors kif ukoll Spazju Kreattiv.<br><br>Il-Kunsillier Spiteri qal ukoll li din is-sena għaddejjin b'diskussjonijiet dwar kif jistgħu jiġu inklużi l-għaqdiet lokali. Huwa żied jgħid li r-riżultati tal-festival se jitħabbru permezz ta' filmat li jitpoġġa fuq il-mezzi tal-midja soċjali. |

| | |
|---|---|
| | Rigward l-awards, ġie deċiż li dawn jiġu mnaqsin għal erba' kategoriji: l-Aqwa Attur, l-Aqwa Attrici, l-Aqwa Kitba u l-Aqwa Produzzjoni. Madankollu, ġie wkoll deċiż li tiġi introdotta kategorija ġdida – il-"People's Choice Award. Barra minn hekk, hemm diskussjoni mal-iskola ta' Verdala sabiex il-parkeġġ tal-iskola jintuża għall-parteċipanti, flimkien ma' servizz ta' shuttle buses. Qed isiru wkoll arrangamenti sabiex jiġi ffaċilitat il-parkeġġ għar-residenti.<br><br>Hekk kif ikun hemm iktar dettalji, il-Kunsill se jiġi infurmat. |
| 19.03.04 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera li saret laqgħa mas-social workers tal-komunità, fejn dawn staqsew jekk jistax isir xi xogħol ta' tpinġija fuq il-ħajt tal-workshop tagħhom, li jinsab ħdejn Hubbard Flats. Barra minn hekk, talbu wkoll il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jgħinhom fl-organizzazzjoni ta' attivita' matul is-sajf, kif ukoll jekk hemmx persuni fil-komunità li jaħdmu fl-injam li jkunu lesti jagħtu xi lezzjonijiet fil-workshops tagħhom.<br><br>Il-Kunsilliera ma qablux mal-proposta tat-tpinġija fuq il-ħajt, iżda ma kellhom l-ebda oġġezzjoni għall-kollaborazzjoni fl-attività tas-sajf, u qalu li l-Kunsill lest jassisti f'dan il-proġett komunitarju. |
| **19.04** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 19.04.01 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi rringrazzja lill-Kunsillier Martin Vella għax-xogħol tal-iwweldjar li wettaq fil-frame tal-isprall fi Triq Bonnici. |
| 19.04.02 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-kunsilliera li attenda attivita' fl-Iskola Middleschool fejn ġie mistieden biex jattendi diskussjoni bejn l-istudenti |

| | |
|---|---|
| | dwar it-tniġġis tal-arja fuq livell globali. Matul din id-diskussjoni, l-istudenti ressqu diversi proposti, fosthom:<br><br>Jitwaħlu tabelli fit-truf tat-toroq li jwasslu lejn l-iskola, sabiex javżaw lis-sewwieqa biex jitfu l-karozzi tagħhom waqt li jkunu qed jistennew li t-tfal jitilgħu jew jinżlu mill-vetturi.<br><br>Il-ħawl ta' siġar bħas-siġar taż-żebbuġ, tal-ħarrub u tal-għargħar fil-ħamrija li tinsab barra l-iskola, wara l-bus shelter.<br><br>It-twaħħil ta' posters madwar il-lokal ta' Bormla, inkluż qrib l-iskejjel, sabiex inħeġġu lin-nies jużaw ir-rota jew jimxu flok jużaw il-karozza għal distanza qosra.<br><br>Kolaborazzjoni  ta' lezzjonijiet tar-rota u provvista ta' roti għall-istudenti, kif ukoll il-ħolqien ta' parkegg għal roti.<br><br>Il-kunsilliera qablu mal-proposta tat-tabelli biex is-sewwieqa jitfu l-karozza waqt li jistennew lit-tfal. Dwar il-ħawla tas-siġar, ġie deċiż li jkun hemm kuntatt ma' Ambjent Malta sabiex jiġi evalwat jekk huwiex possibbli li jitħawlu dawn it-tip ta' siġar f'dik iż-żona. Fir-rigward tat-tabelli u l-posters biex inħeġġu lin-nies jimxu jew jużaw ir-rota, ġie deċiż li l-proposta tibqa' pendenti. Barra minn hekk, ġie ssuġġerit li jsir kuntatt mal-Iskola Verdala sabiex jiġi investigat x'miżuri diġà hemm fis-seħħ f'dik l-iskola dwar ir-roti, peress li diġà għandhom roti disponibbli. |
| 19.04.03 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li ġew offruti lezzjonijiet ta' self-defense b'xejn għar-residenti ta' Bormla. Huwa ppropona li dawn isiru nhar il-24 ta' Lulju fis-6:00 ta' filgħaxija. Appena tiġi kkonfermata l-attività, il-Kunsill ser jikkuntattja lill-AUM sabiex jiċċekkja jekk hemmx possibilità li jsiru |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | hemmhekk; inkella jsiru fis-Sala tal-Kunsill. Il-kunsilliera qablu ma' din l-inizjattiva. |
| 19.04.04 | Is-Sindku informa wkoll lill-kunsilliera li kien f'kuntatt ma' resident barrani li jgħix ġewwa Bormla, li esprima x-xewqa tiegħu li jippubblika ktieb b'ritratti ta' residenti Bormliżi. Dan ir-resident huwa lesta li jiffinanzja l-proġett kollu minn butu, iżda talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jiġu avaċinati r-residenti. Barra minn hekk, huwa ġie mistoqsi jekk kienx interessat li jieħu sehem f'exhibition waqt Jum Bormla, u huwa aċċetta.<br><br>Il-kunsilliera ma oġġezzjonawx għall-proposta tal-ktieb, iżda esprimew ix-xewqa li jaraw it-termini eżatti tal-proġett, peress li, minkejja li l-inizjattiva ser tkun iffinanzjata min-naħa tiegħu, l-espożizzjoni pubblika tkun qiegħda tingħata mill-Kunsill.<br><br>Għalhekk ser tiġi organizzata laqgħa ma' Sur Manny Cole sabiex ikun jista' jispjega fid-dettall il-proġett tiegħu lill-kunsilliera. |
| 19.04.05 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li rċieva email mingħand is-Sur Dunstan Camilleri, President tal-Wolfpack Airsoft Club Malta, fejn esprima l-interess tiegħu li jikri spazju ġewwa Bormla biex jorganizza avvenimenti ta' taħriġ ta' madwar 3 sa 4 sigħat. Is-Sur Camilleri offra wkoll is-servizzi tiegħu sabiex jgħin waqt attivitajiet organizzati mill-Kunsill, bħal clean-up days u attivitajiet għat-tfal. Huwa kkolabora ma' diversi entitajiet, fosthom Puttinu Cares, L-Arka ta' Noe u Heritage Malta waqt open days.<br><br>Il-Kunsilliera ma kellhom l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba. Hekk kif jiġi identifikat il-post, il-Kunsilliera ser jiġu infurmati. |

| | |
|---|---|
| 19.04.06 | Is-Sindku Marco Agius tkellem f'isem l-Assoċjazzjoni Wirt Bormla, fejn informa lill-Kunsilliera li ser jinkieteb ktieb dwar Bormla miktub mis-Sur Joseph Lanzon. Il-pubblikazzjoni hija ppjanata biex issir f'Novembru li ġej. Is-Sindku talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali f'dan il-proġett, u l-Kunsilliera qablu ma' din it-talba. |
| 19.04.07 | Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsilliera li kellu laqgħa mar-resident Bormliż Joseph Aquilina, fejn ġew diskussi proposti relatati ma' bustijiet f'Bormla. Is-Sur Aquilina talab li jsir bust għall-Mons. Dun Victor Grech, ieħor meta jiġi nieqes Patri Dun Mintoff, u wieħed ukoll għal Sunny Aquilina. Il-Kunsilliera ma qablux li jsir bust individwali għal kull persuna proposta, iżda qablu li tista' tittieħed inizjattiva biex jinħoloq bust wieħed ċċentralizzat dedikat "Lil Bormliżi ta' Kull Żmien", li jirrappreżenta l-kontribut tal-Bormliżi kollha tul l-istorja. |
| 19.04.08 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li waslet talba mingħand Brian Camilleri mill-kumpanija Melita biex jitwaħħal cabinet ġewwa ż-żona ta' Dock One biex jitjieb is-servizz fil-lokalità. Matul is-seduta ntwerew ritratti relatati mal-proposta. Il-Kunsilliera qablu ma' din it-talba. |
| 19.04.09 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li waslet proposta mingħand Juan Mario Farrugia biex f'żona żgħira ħdejn San Ġwann fejn hemm biċċa triq mitluqa, jitwaħħlu pots. Madankollu, is-Sindku spjega li għal dik iż-żona diġà saret talba lil Infrastructure Malta sabiex isiru xogħlijiet ta' tarmak fit-triq. Għalhekk, il-Kunsilliera qablu li għalissa ma jsir xejn u li jerġgħu jkunu kkuntattjati lil Infrastructure Malta għal aġġornamenti.<br><br>Il-viċi sindku Noyah Spiteri Hammet daħlet lura fis-seduta. |

| | |
|---|---|
| 19.04.10 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li l-proprjetarju tal-Guesthouse Fi Sqaq l-Erwieħ talab informazzjoni dwar meta ser jitwaħħal il-fanal li nxtara qabel xahrejn ilu minn naħa tagħhom. Is-Sindku spjega li jinsab f'komunikazzjoni ma' electrician biex jitwaħħal, iżda bħalissa jinsab mħabbat. Il-proprjetarju sab offerta għal €150, għal approvazzjoni tal-Kunsill biex jiġi deċiż hux ha nistennew l-electrician tal-Kunsill li jista' jagħmel ix-xogħol bi prezz inqas minn €100, jew inkella jsir ix-xogħol mill-electrician estern skont il-proposta u l-ammont preżentat. Il-Kunsilliera qablu li jiġu kkuntattjati l-electrician tal-Kunsill sabiex jigwidana dwar il-ħin possibbli ta' installazzjoni u b'hekk nkunu nistghu nideċidu mexxux bil-proposta tagħha jew nibqgħu bl-electrician tal-kunsill. |
| 19.04.11 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li hemm sriedaq mitluqin barra, u qiegħed jikkomunika mal-Animal Welfare biex jiġu miġbura peress li qegħdin jidisturbu lin-nies fil-viċinat. Il-Kunsilliera qablu ma' din l-azzjoni. Kunsillier Glauber Spiteri kompla jgħid li hemm ukoll xi sriedaq (jigru) li jinsabu ħdejn Cospicua Rangers. |
| 19.04.12 | Sindku kompla billi infurma lill-Kunsilliera dwar cint perikoluż li jinsab fit-triq Hanover, lejn Triq it-Torri. Dan il-cint ġie osservat mill-Public Works, li offrew li jinxtara l-materjal min-naħa tal-Kunsill u li jkun tranġat mill-ħaddiema tal-Public Works. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta. |
| 19.04.13 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li għadu ma jafx id-dati fuq Civita Vecchia u wiegħed li ser jinformahom hekk kif jkun jaf. |
| 19.04.14 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li waslet talba mingħand James Schembri, Deputy Head tal-Iskola Verdala, fejn talab li jsiru xogħlijiet ta' refreshing fuq road markings kif ukoll tiswija ta' pothole. Is-Sindku spjega li l-iskola qablet li tagħti l-parkeggi għall-Cospicua Short Play Festival, u għalhekk |

| | |
|---|---|
| | huwa xieraq li dawn ix-xogħlijiet isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta. |
| 19.04.15 | Email mingħand Jeanelle Spiteri tal-kumpanija RCK entertainment qiegħda tibat tistaqsi jekk hux possibli li jsir filming fil-bitha tal-kunsill. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oggezzjoni biss qablu li l-ħaddiem mqabbad biex jiftaħ il-kunsill għandu jkun ikompensat min naħa tagħhom. |
| 19.04.16 | Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Martin Vella sabiex jagħti rendikont dwar il-laqgħa li kellu mal-kollettur tal-iskart, fejn ġew diskussi tliet żoni: Triq Wigi Rosato, Verdala Barracks u ż-żona ħdejn il-Cospicua Rangers. Il-Kunsillier informa li kien hemm qbil biex jinbidlu l-postijiet tal-ġbir f'Triq Wigi Rosato u Verdala Barracks. Barra minn hekk, kien hemm qbil ukoll sabiex tinxtara wheelie bin u titpoġġa ħdejn il-Cospicua Rangers, sabiex il-borża tal-iskart organiku tibda tinġabar hemmhekk, minħabba li l-borża torganiku tinfetaħ faċilment u tħammeġ l-art.<br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri ġibed l-attenzjoni li ġew irrapportati każi fejn, meta jinġabar iż-żibel u tinfetaħ il-kontenitur, il-ħmieġ ma jiġix miġbur u jitħalla mal-art. Il-Kunsillier Martin Vella talab li f'tali każi jkun preferibbli li jittieħed filmat bħala prova ċara. Huwa ġie infurmat li ser ikun qed jiġi kkuntattjat il-kollettur sabiex jiġu diskussi dawn l-inċidenti. |
| 19.04.17 | Il-Kunsilliera ġew infurmati li l-applikazzjonijiet relatati mal-attivitajiet tal-Karnival kif ukoll dawk tal-Milied ġew sottomessi. |
| 19.04.18 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li jixtieq jorganizza ġurnata Sqallija għal residenti Bormliżi. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta u ġie deċiż li jibdew l-pjanijiet sabiex din titwettaq fix-xhur li ġejjin, bil-mira li ssir f'Ottubru. |

| | |
|---|---|
| 19.04.19 | Il-Kunsillier Martin Vella ssuġġerixxa li, sabiex jitnaqqas il-qsim tat-triq minn trukkijiet fi Triq San Ġwann, jitqiegħed railing fin-nofs tat-triq kull żewġ metri. |
| 19.04.20 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri ġibed l-attenzjoni li fi Triq Wesgħet il-Knisja tan-Nativitá, il-karozzi mhumiex jużaw ir-roundabout kif suppost, iżda qed jaqtgħu minn fuqha. Il-Kunsilliera qablu li ma jistgħux jitpoġġew bollards minħabba ta' Tal-Linja. Għalhekk, ġie propost li jiġi evalwat l-ispiża ta' kamera tas-sigurtà. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tiċċekkja dwar dan. |
| 19.04.21 | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Ħammet infurmat li ser tkun qiegħda taħdem fuq l-attività mal-Esplora sabiex tidentifika għal min ser tkun intiża din l-attività. Hekk kif ikollha l-informazzjoni kollha meħtieġa, ser tinforma lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex din l-attività tkun tista' titpoġġa fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill. |
| **19.05** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 19.05.01 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar il-possibbiltà li jiġu installati cameras li jistgħu jiġu mċaqalqa minn post għal ieħor u li jkunu aċċessibbli mill-mobile. Huwa nnota li dan l-użu jeħtieġ li jsir b'avviż lir-residenti qabel il-kameras jitwaħħlu. Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Ħammet qalet li dan is-suġġett kien ġie diskuss fil-passat. Il-Kunsilliera qablu sabiex jiġu investigati l-ispejjeż relatati ma' dawn it-tip ta' cameras. |
| 19.05.02 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hux possibbli li tinħoloq road hump fiż-żona ta' San Ġwann t'Għuxa Żgħira, peress li qed jidħlu karozzi b'veloċità eċċessiva u hemm biża' li jista' jseħħ xi inċident. Is-Sindku qal li ma għandu l-ebda oġġezzjoni. |

| | |
|---|---|
| 19.05.03 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hux possibbli li l-ġnien li hemm fiż-żona ta' Santa Margerita jingħata isem ta' xi persuna. Is-Sindku wieġeb li hemm il-ħsieb li jitpoġġa bust ta' patri ta' dagha f'dik iż-żona, u għalhekk jista' jiġi propost li l-ġnien jissema għalih. Il-Kunsilliera qablu. |
| 19.04.04 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa jekk hemmx xi aġġornament rigward il-kuntrattur tad-dawl, peress li għad hemm problema ta' diversi bozzoz maqtugħin fil-lokalità. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li, skont l-aħħar informazzjoni, ma fadalx ħafna xogħol pendenti. Il-Kunsillier Martin Vella kien tkellem direttament mal-kuntrattur, li qal li għad fadal madwar tliet "working orders" sabiex jitlesta x-xogħol kollu. |
| 19.05.05 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa x'inhuma eżattament l-affarijiet li jistgħu jitpoġġew fuq il-paġni personali tas-social media tal-Kunsilliera. Is-Sindku wieġeb li, kif diġà kien hemm qbil, huwa xieraq li kull attività tiġi l-ewwel ippubblikata fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill, u mbagħad il-Kunsilliera jistgħu jaqsmuha (share) mill-istess paġna fuq il-profili personali tagħhom. |
| **19.06** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 19.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 6 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' Mejjua 2025.<br><br>Il-Kunsilliera Rita Gatt approvat l-iskeda numru 5 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsillier Glauber Spiteri issekonda.<br><br>Kif ukoll, il-Kunsillier Martin Vella approva l-petty cash ta' Mejju, waqt li l-Viċi Sindku Noyah Spiteri hammet isskondat. |
| **19.07** | **Mozzjonijiet** |
| 19.07.01 | Mozzjoni Numru 73/2025 |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Seduta Numru 19/2025 (IX)<br><br>L-għodwa t-tajba, Sinjura Segretarja,<br><br>Nixtieq ninfurmak li tkellmuni xi residenti minn Triq San Ġwann sabiex napplikaw għal post ta' parkeġġ riservat għal persuna b'diżabilità (disabled parking).<br>**Marco Agius**<br><br>Proponent: Marco Agius ___________________<br><br>Sekondant : Noyah Spiteri Hammet ___________________<br><br>Il-kunsilliera prezenti qablu ma din il-mozzjoni. |
| 19.06.06 | Mozzjoni Numru 74/2025<br><br>Seduta Numru 19/2025 (IX)<br><br>L-għodwa t-tajba, Sinjura Segretarja,<br><br>Qieghed nitlob biex tghaddi mozzjoni biex meta jkolna l-van il-gdid jibda jintuza biex nwasslu nies ghal-klinika ta Rahal Gdid. Kif ukoll jixtieq li tibda kommunikazzjoni ma 3 kunsilli tal cottonera u kalkara biex flimkien nibdew noffru van ghal-isptar.<br>Marco Agius<br><br>Proponent: Marco Agius ___________________<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri ___________________<br><br>Il-Kunsilliera qablu ma din il-mozzjoni. |
| 19.06.03 | Mozzjoni Numru 75/2025<br><br>Seduta Numru 19/2025 (IX) |

| | |
|---|---|
| | Nixtieq li nghaddi mozzjoni sabiex fi triq John Pace ssir parking space ghal muturi.<br><br>Marco Agius<br><br>Proponent: Marco Agius ___________________<br><br>Sekondant:<br><br>Din il-mozzjoni giet mwaqqa peress li diga git approvata fis-seduta numru 18. |
| 19.06.04 | Mozzjoni Numru 76/2025<br><br>Seduta Numru 19/2025 (IX)<br><br>Nixtieq li nghaddu mozzjoni biex hekk diga sar sena l-ohra jerga jsir il-kids summer party.<br><br>Proponent: Glauber Spiteri ___________________<br><br>Sekondant: Martin Vella ___________________<br><br>Il-kunsilliera qablu ma din il-mozzjoni. |
| **19.08** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 19.08.01 | Is-Seduta ġiet mtemmija fis-19:30 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għat 23 ta’ Lulju, fil-ħamsa ta’ filgħaxija. |

Konfermati, illum 23 ta’ Lulju 2025

IFFIRMATA

_____________________

**Marco Agius**

IFFIRMATA

_____________________

**Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*